K.L.B.L. 37/12/99

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI
(ATT NRU. XV TA' l-1993)

Bye-Laws ta' l-1999 dwar Reklami fuq l-*Internet* (Kunsill Lokali Mellieħa)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33(1)(h), 34 u 60 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali u skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 35 ta' l-imsemmi Att, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 Dawn il-*Bye-Laws* jistgħu jissejħu l-*Bye-Laws* ta' l-1999 dwar Reklami fuq l-*Internet* (Kunsill Lokali Mellieħa).

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tifsir.

2.1 F'dawn il-*Bye-Laws* kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:–

"Att" tfisser l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Mellieħa;

"persuna" tfisser dik il-persuna li tkun awtorizzata mill-Kunsill biex tqabbad mal-*Web-page* tal-Kunsill skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 3 ta' dawn il-*Bye-Laws*;

"reklam" tinkludi promozzjoni kummerċjali jew mhux kummerċjali;

"*Web-page*" tfisser aċċess ta' informazzjoni fuq sistema u *database* permezz ta' *Internet*, deskritt bħala l-*World Wide Web (WWW)*, liema *Web-page* tista' tkun reklamata fuq dawk li jissejħu *Web Search Engines*.

2.2 F'dawn il-*Bye-Laws*, kull espressjoni li dwarha hemm tifsira fl-Att, ikollha l-istess tifsira kif mogħtija fl-Att.

Web-page uffiċjali tal-Kunsill.

3.1 Il-Kunsill għandu jkollu *Web-page* fuq l-*Internet* li għandha tinkludi l-informazzjoni fuq il-Kunsill u l-lokalità li l-Kunsill jagħżel li jinkludi.

3.2 Għandu jkun hemm *Web-page* uffiċjali waħda dedikata esklużivament lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa:

Iżda l-Kunsill jista' jawtorizza persuna biex tinkludi jew tqabbad dik il-*Web-page* ma' jew fuq xi *Web-page* oħra, sew bi ħlas sew mingħajr ħlas skond kif jiddeċiedi l-Kunsill.

Awtorizzazzjoni bil-miktub.

3.3 L-awtorizzazzjoni msemmija fis-subartikolu 2 ta' dan l-artikolu għandha tingħata mill-Kunsill bil-miktub.

Penali.

3.4 Kull persuna li tinsab ħatja li kisret xi dispożizzjoni tas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu teħel ammenda ta' għoxrin liri Maltija (Lm20) flimkien ma' lira Maltija (Lm1) għal kull jum li matulu l-*Web-page* tal-Kunsill tkun aċċessibbli fuq il-*Web-page* ta' dik il-persuna ħatja mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub.

Awtorizzazzjoni għar-reklamar fuq il-*Web-page* tal-Kunsill.

4.1 Il-Kunsill jista' jikkuntratta, skond ir-regolamenti u proċeduri li japplikaw skond l-Att, ma' entitajiet sew kummerċjali sew mhux kummerċjali biex dawk l-entitajiet jirreklamaw bi ħlas fuq il-*Web-page* tal-Kunsill.

4.2 Il-kuntratt imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun validu għal perijodu ta' sena li jista' jiġi mġedded għal perijodu ieħor ta' sena. Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta li jġedded il-kuntratt u jekk dak it-tiġdid jiġi miċħud, għandu jagħti r-raġunijiet tiegħu bil-miktub għal dak iċ-ċħid lill-persuna konċernata.